# MADRE MARGERITA W IL-VIRTUJIET KARDINALI

**(Diskors dwar l-Ispiritwalità tal-Venerabbli Margerita tal-Qalb ta' Ġesù li sar waqt il-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fl-okkażjoni tat-68 Anniversarju tal-mewt tagħha, minn Dun Ġużepp Gauci, fil-Knisja tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, nhar it-22 ta' Jannar 2020)**

## Daħla

Il-virtujiet kardinali jissejħu hekk għax huma l-perm, il-bażi, il-pedament, li fuqhom hija mibnija l-ħajja morali. Huma l-virtujiet morali prinċipali. Jissejħu ċ-ċappetti, mil-Latin 'cardo' li tfisser ċappetta, għax fuqhom huma mibnija, jiddependu, jistrieħu l-virtujiet l-oħrajn kollha. Għalhekk huma magħrufa bħala 'Kardinali'. Dawn huma l-Għaqal (jew il-prudenza), il-Ġustizzja (jew il-ħaqq), il-Qawwa (jew il-fortezza) u r-Rażan (jew it-temperanza, il-qjies).

Il-ħassieb, il-filosfu Grieg Platun kiteb dwarhom madwar is-sena 380 QK, fix-xogħol l-aktar magħruf tiegħu: 'Ir-Repubblika'. Dan kien studju dwar kif stat għandu jkun immexxi bil-ġustizzja, bil-prudenza u bil-virtujiet l-oħra. Dan it-tagħlim daħal bħala parti mit-tagħlim kristjan permezz tad-dixxiplu ta' Platun, li kien Aristotile.

Għalkemm il-'Virtujiet Teologali' huma 'doni', rigali t'Alla li jagħtina permezz tal-grazzja, dawn il-virtujiet kardinali jistgħu jkunu pprattikati, mħaddma u mħaddna minn kulħadd; għalhekk huma kkunsidrati bħala l-pedament tal-moralità naturali.

## L-Għaqal: l-Ewwel Virtù Kardinali

"L-Għaqal huwa dik il-virtu li tħejji r-raġuni prattika biex fiċ-ċirkustanzi kollha tagħraf x'inhu l-veru ġid tagħha u tagħżel il-mezzi ġusti biex jinkiseb. (KKK 1806) Hekk insibu miktub fil-Ktieb tal-Proverbji (14,15): 'Min moħħu jilħaqlu jqis sewwa l-passi tiegħu qabel jitkellem.'

S.Tumas minn Aquino jpoġġi l-Għaqal bħala l-ewwel Virtu Kardinali, għaliex tikkonċerna l-intellett. Hija l-virtu li tgħinna li niġġudikaw tajjeb dak li huwa sewwa u dak li mhuwiex, fi kwalunkwe sitwazzjoni. Meta dak li hu ħażin insejħulu tajjeb, ma nkunux qed nużaw il-prudenza – anzi nkunu qed nuru nuqqas ta' prudenza.

Peress li huwa faċli li naqgħu fl-iżball, il-prudenza, ġġiegħlna, tissuġġerielna, tmexxina li nieħdu l-parir ta' ħaddieħor, speċjalment m'għand dawk li nafu li jkunu moralment retti. Jekk aħna ninjuraw jew inwarbu l-pariri ta' ħaddieħor għas-sempliċi raġuni li ma jkunux jaqblu mal-opinjoni tagħna, dak ikun sinjal ta' nuqqas ta' għaqal jew prudenza.

S.Tumas jgħidilna hekk: "L-Għaqal hu l-qjies eżatt ta' kull għemil."

## Il-Ġustizzja: It-Tieni Virtù Kardinali

Skont S.Tumas, il-Ġustizzja għandha x'taqsam mar-rieda. Hekk jispjega Fr. John A. Hardon fil-ktieb tiegħu, ***Dizzjunarju Kattoliku Modern:*** "Il-Ġustizzja hija dik id-determinazzjoni kostanti u dejjiema, permanenti li tagħti 'l kull wieħed dak li ħaqqu." Aħna ngħidu li l-Ġustizzja hija għamja, mingħajr għajnejn, għaliex mingħajr ma tara min hu l-persuna, tagħtih dak li ħaqqu, bla ma toqgħod tħares lejn l-uċuh.

Il-Ġustizzja hija marbuta mad-dritt sagrusant. Għalkemm kultant waqt li qed nitkellmu nużaw il-kelma ġustizzja f'sens negattiv ('Ħa dak li kien ħaqqu'), il-ġustizzja fis-sens propju tagħha hija dejjem pożittiva. L-inġustizzja sseħħ meta aħna bħala ndividwi jew bil-Liġi nċaħħdu 'l dak li jkun, li jieħu dak li hu tiegħu. Id-dritt legali qatt ma għandu jiġi qabel id-dritt naturali.

Skond il-Kotba Mqaddsa, il-bniedem ġust jintagħżel mill-qjies li dejjem juri fi ħsibijietu u mill-mod tajjeb kif iġib ruħu ma' għajru. (KKK 1807).

## Il-Qawwa: It-Tielet Virtù Kardinali

Għalkemm il-kelma 'qawwa' tagħti l-impressjoni li tfisser 'forza' jew 'saħħa' jew 'kuraġġ', iżda s-sens tal-kelma bħala virtù jfisser ħaġa oħra. Il-qawwa bħala virtù tgħinna negħlbu l-biża' u nibqgħu sodi, determinati fir-rieda tagħna għalkemm inkunu qed niffaċċjaw xi tfixkil, għax tkun rieda qawwija rraġunata.

L-'għaqal u l-ġustizzja' huma l-virtujiet li permezz tagħhom niddeċiedu dwar dak li għandu jsir, imbagħad permezz tal-'qawwa' tiġina l-qawwa, is-saħħa li nwettqu dak li nkunu ddeċidejna.

Ma ninsewx li 'l-Qawwa' hija l-unika virtù kardinali li hija wkoll 'don, rigal tal-iSpirtu s-Santu', li tgħinna nissuperaw l-biża' naturali biex niddefendu il-Fidi tagħna.

"Il-virtù tal-qawwa tagħtina l-ħila nirbħu l-biża', il-biża' saħansitra tal-mewt, u nilqgħu ukoll il-persekuzzjonijiet." (KKK 1808).

## Ir-Rażan, Temperanza: Ir-Raba' Virtù Kardinali

Waqt li l-qawwa hija l-virtù li tgħinna nikkontrollaw il-biża' biex inkunu nistgħu naġixxu fis-sewwa, it-temperanza hija l-virtù li tgħinna nikkontrollaw ix-xewqat jew il-passjonijiet tagħna. L-ikel, ix-xorb u s-sess huma kollha meħtieġa, kemm bħala ndividwi u kemm bħala soċjeta, iżda x-xewqat diżordnati, bla kontroll, bla rażan jistgħu jkollhom konsegwenzi diżastrużi mill-aspett kemm fiżiku u kemm morali.

It-temperanza hija l-virtù li tista' żżommna lura mill-eċċessi, miż-żejjed, u għalhekk hemm bżonn ta' bilanċ bejn ix-xewqat tajbin u leġittimi kontra x-xewqat żnaturali u eċċessivi. L-użu leġittimu ta' dawn l-ħtiġijiet tajba jistgħu jkunu differenti f'okkażjonijiet differenti. Ir-rażan, it-temperanza hija l-qjies tad-deheb li tgħinna niddeterminaw, niddeċiedu sa kemm għandna nċedu, nitkaxkru max-xewqat tagħna.

"It-temperanza tiżgura lir-rieda setgħa fuq l-istinti u żżomm ix-xewqat tagħna li ma jmorrux 'l hemm minn dak li hu onest u sewwa." (KKK 1809).

**<u>Madre Margerita</u>**

Bħal-lum, 68 sena ilu, hawnhekk fil-"Casa Madre" tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, seħħet ġrajja ta' niket u ta' ferħ fl-istess ħin. Ta' niket, għax f'ċella qrib ħafna ta' fejn ninsabu, fit-22 ta' Jannar 1952, kmieni filgħodu, mietet l-omm spiritwali li rawwmet il-Kongregazzjoni, il-Venerabbli Margerita Debrincat. Imma wkoll ta' ferħ, għax l-ulied spiriwali tagħha kienu aktar minn żguri li l-omm spiritwali tagħhom, l-għażiża Fundatriċi, ittajjret lejn is-sema biex tieħu l-premju li tant kien jixirqilha. U llum, 68 sena wara, qed infakkru din il-ġrajja, b'ferħ u radd il-ħajr 'l Alla, u fl-istess ħin nistennew b'ħerqa kbira li l-Mulej jibgħatilna sinjal mis-sema permezz ta' miraklu hawn fl-art bl-interċessjoni tagħha, ħalli l-Knisja tasal għall-Beatifikazzjoni tagħha.

Fit-tħejjijiet li saru biex il-proċess għall-Beatifikazzjoni u l-Kanonizzazzjoni ta' Madre Margerita wasal fejn wasal, sar studju dettaljat dwar il-virtujiet li żejnu l-personalità u l-ħajja tagħha. Fosthom ġew meqjusa sewwa mhux biss il-virtujiet teologali – fidi, tama u mħabba – li tant sebbħu ħajjitha, imma wkoll il-virtujiet kardinali – għaqal, ġustizzja, qawwa u rażan – li dwarhom se nirriflettu aħna u nfakkru it-68 Anniversarju tal-mogħdija tagħha minn din il-ħajja għall-hena dejjiema. Diġa, għidna fil-qosor x'inhuma dawn il-virtujiet kardinali. Issa se nkomplu billi naraw kif dawn il-virtujiet, pedament tal-ħajja spirtitwali, spikkaw sewwa fl-ispiritwalità tal-Fundatriċi tagħna.

**<u>Madre Margerita u l-Għaqal</u>**

Il-"Positio", jiġifieri l-ġabra ta' dokumenti dwar il-ħajja, il-virtujiet u l-fama ta' qdusija ta' Madre Margerita, li ġew ippreżentati lill-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin fil-Proċess tal-Beatifikazzjoni u l-Kanonizzazzjoni tal-Fundatrici, fil-kummenti li saru dwar il-virtù Kardinali ta' l-Għaqal jew Prudenza fil-Venerabbli għażiża tagħna, fost l-oħrajn stqarret li sa miż-żogħżija tagħha, l-imġieba ta' Margerita spikkat fil-maturità partikulari tal-ġudizzji tagħha. Dan jidher mill-vot tal-kastità li għamlet bil-parir tal-konfessur tagħha, imbagħad bl-istima li l-Fundatur Dun Diacono kellu għaliha, kif ukoll mis-skiet u l-għaqal li kienet turi fir-relazzjonijiet tagħha ma' l-oħrajn. Dan wassal lil Dun Diacono biex wara li laqa' lil Virġinja fl-

Assoċjazzjoni tat-"Tnax-il Stilla", wara l-ewwel professjoni tagħha, ħatarha bħala s-segretarja tiegħu. Dan l-ispirtu ta' għaqal, jingħad fl-istess "Positio", seħibha sa mill-ewwel snin ta' ħajjitha, bħala reliġjuża u matul il-mixja kollha ta' ħajjitha.

Minħabba dan, fl-ittri tagħha spiss naqraw eżortazzjonijiet dwar il-ħtieġa tal-prudenza, tal-għaqal. F'ittra tal-1891, ittra mimlija pariri mill-aqwa dwar l-għixien tal-ħajja reliġjuża, naqraw: *"Fittex li tkun dejjem l-aktar imħeġġa biex tkun waħda mix-xebbiet għaqlin"*(L.130). F'ittra oħra tal-1924, naqraw: *"Attenta ħafna biex taħdem f'dan l-uffiċċju bil-għaqal, imma wkoll fl-istess ħin bi spirtu tassew serafiku u evanġeliku"*(L.85).

Imma, fuq kollox ta' min jisma' x'qalu xi xhieda dwar il-prudenza ta' Madre Margerita, xhieda kif insibuha fil-"Positio" li diġa semmejtilkom. Mix-xhieda ta' Sr. Lina Camilleri min-Naxxar ta' Malta, li meta mietet il-Fundatriċi kellha 36 sena, fost l-oħrajn naqraw: *"Fl-opinjoni tiegħi, Madre Margerita kienet persuna tassew bilanċjata fil-kliem u fi-mod kif kienet iġġib ruħha. Ta' mara għaqlija li kienet, kienet tagħmel kollox bi prudenza kbira. Kulmeta kienet tissuġġerixxi xi ħaġa jew kienet tagħmel xi korrezzjoni, mhux biss kienet turi sens ta' maturità u kienet toqgħod attenta biex ma toffendi 'l ħadd, imma fuq kollox kienet iġġib ruħha bil-kalma u bis-serenità, tant li bl-imġeba għaqlija tagħha kienet tikkonvinċi lil dik il-persuna".* Sr. Feliċissima Cortis, minn Birkirkara, li meta mietet il-Madre kellha 43 sena, fost l-oħrajn xehdet: *"Ma niftakarx mument wieħed biss li fih il-Madre ma kienetx iġġib ruħha bi prudenza kbira. Minħabba f'hekk qatt ma smajt lil xi persuna tilmenta li batiet xi ħaġa minħabba fiha. Matul iż-żmien kollu li għaddejt magħha, nista' ngħid li l-Madre dejjem kienet turi ħafna għerf għaqli. Meta kien jeħtieġ tagħmel xi korrezzjoni qatt ma kienet tuża sens awtoritarju, qatt ma kienet timponi, Fil-korrezzjoni ma kienetx tħalli barra lilha nfisha, imma dejjem kienet tibda: "ejjew nagħmlu..."."*

Hemm ħafna u ħafna kummenti sbieħ li saru dwar il-virtù kardinali tal-prudenza f'Madre Margerita, imma l-ħin ma jippermettix, u għahekk ejjew ngħaddu dwar it-tieni virtù kardinali.

**<u>Madre Margerita u l-Ġustizzja</u>**

Meta nitkellmu mill-virtù kardinali tal-Ġustizzja fl-ispiritwalità tal-Venerabbli Margerita, jeħtieġ nifhmu dik ir-rebħa li għamlet fuqha nfisha, jum wara l-ieħor, b'sagrifiċċji, ċaħdiet u mortifikazzjonijiet bla heda, biex tkompli tgħid il-"Fiat" 'l Alla, biex tintelaq għal kollox għall-ħidma tiegħu fiha, hi u tagħtih il-primat ta' l-imħabba, b'impenn qawwi, imbagħad, fl-imħabba fraterna. Il-prattika tal-ġustizzja, għalhekk, tfisser dak l-atteġġjament spiritwali u morali ta' Madre Margerita li bih, dejjem u f'kollox, kellha relazzjoni mill-aħjar, mhux biss ma' Alla, imma wkoll ma' l-oħrajn kollha, saċerdoti, sorijiet u lajċi, u wkoll magħha stess.

Fix-xhieda ta' Sr. Fortunata Vella, minn Kerċem, li meta mietet il-Fundatriċi kellha 40 sena, naqraw din it-tifsira sabieħa dwar il-"ġustizzja" f'Madre Margerita: *"Il-Madre kienet turi għerf*

*kbir fl-imġieba tagħha ma' l-oħrajn. Meta kont ix-Xagħra kont ninnota li hi kienet issib ħin għal kulħadd. Kienet tagħmel il-korrezzjonijiet meħtieġa b'għaqal u mħabba. Kienet taqdi dmirijietha b'eżattezza kbira, mhux biss bħala superjura lokali, imma wkoll bħala suddita, għax f'dak iż-żmien kienet kunsilliera u kulmeta il-Madre Ġenerali kienet issejħilha, malajr kienet tħalli kollox u titlaq lejn il-Casa Madre. Jidhirli li l-Madre kellha sens kbir ta' ġustizzja ma' kulħadd, minkejja li dejjem kienet issib min igerger. Imma dak it-tgergir qatt ma kien juri li l-Madre kienet qed tiżbalja fid-deċiżjonijiet tagħha".*

Sr. Feliċissima Cortis, minn Birkirkara, li meta mietet il-Madre kellha 43 sena, xehdet: *"Madre Margerita kienet tkompli dmirijietha lejn Alla u lejn il-komunità bl-akbar eżattezza".* Sr. Ugolina Mizzi, mill-Birgu, li meta mietet il-Fundatriċi kellha 37 sena stqarret: *"Kienet tmexxina bil-għaqal u l-qawwa, u kienet taqdi dmirijietha b'sens ta' ġustizzja lejn il-Kongregazzjoni u lejna".*

F'waħda mill-ittri tagħha wara ż-Żjara Kanonika lill-Komunità ta' Fra Diegu fl-1923, fissret ix-xewqa tagħha kif il-membri tal-Komunità jgħixu il-"Ġustizzja", b'dan il-kliem: *"Inħeġġiġkom biex turu rispett w ubbidjenza lejn l-awtorità, u mħabba komuni lejn sħabkom, kif ukoll ħlewwa u spirtu ta' tjubija lejn dawk li huma iżgħar minnkom"*(L.V17). F'ittra oħra minn dawn li semmejt, miktuba lill-Komunita tal-Pilar fl-1920, il-Venerabbli Madre offriet il-mediċina mportanti biex tingħax din il-virtù kardinali fost is-sorijiet tagħha: *"Kunu lkoll qalb waħda u ruħ waħda; issagrifikaw ruħkom għal xulxin, mingħajr ma tagħtu każ tas-suġġerimenti tal-kiefer amor proprju"*(L.V10). Tassew il-Ġustizzja titlob rebħa fuq l-inġustizzji. Il-Ġustizzja timxi ma' kulħadd, dejjem u kullimkien, skont kif irid Alla li "Hu waħdu ġust".

**<u>Madre Margerita u l-Qawwa</u>**

Kull min jagħżel 'l Alla jkollu jħabbat wiċċu ma' ħafna tfixkil mill-għedewwa spiritwali. Il-Venerabbli Margerita ddedikat ruħha bis-sħiħ għall-opra ta' Alla, u dan nissel fiha l-ħtieġa ta' għassa bla waqfien biex, bil-kuraġġ kollu, setgħet iżżomm safi u diżinteressat il-għan ta' ħajjitha li *"tħobb l-Imħabba u tagħmel li din l-Imħabba tkun magħrufa u maħbuba minn kulħadd u kullimkien".* B'hekk hi wriet ruħha dixxipla awtentika ta' Kristu li għexet il-faqar u l-umiltà flimkien mas-sempliċità u bil-kuraġġ kollu, u bil-qawwa mxiet b'passi ħfief f'din l-għażla fundamentali tagħha. F'dan kollu, il-Fundatriċi hi eżempju ċar biżżejjed ta' persuna li għexet tassew il-virtù kardinali tal-qawwa.

Infatti f'ittra tagħha tal-1918, lid-Direttur Spiritwali Mons. Anton Galea, il-Madre tagħtina ħjiel ċkejken tat-tbatijiet kbar li kienet għaddejja minnhom, u tal-qawwa li kellha bżonn biex ma tħallihomx jgħaffġuha. Innutaw ftit dak li kitbet: *"L-uffiċju tiegħi jimlieli l-ħin kollu u għalhekk ma jgħinx biex ninġabar, anzi fil-meditazzjoni, kważi dejjem insibni mgħarrqa fih bi ħsibijieti; ... xi drabi jiġini f'moħħi li nħalli t-tqarbina għax nibża' li nkun qed nagħmilha bi drawwa u ma*

*togħġobx lil Ġesù... insomma, kollox qed iwassal biex itaqqal il-qalb ta' din l-imsejkna midinba li xi drabi tasal f'agunija minħabba tant tbatija. Imma ma ġara xejn; jixraqli agħar minn hekk għad-dnubiet kbar tiegħi u għall-korrispondenza ħażina tiegħi ma' tant grazzji li nirċievi"*(L.9).

Għandna  xhieda dwar din il-qawwa spiritwali ta' Madre Margerita fi kliem Sr. Agnes Bilocca mill-Furjana li meta mietet il-Fundatriċi kellha 35 sena: *"M'għandi l-ebda dubju dwar id-determinazzjoni ta' Madre Margerita. Kelli x-xorti li nkun nafha meta kibret sewwa... il-proġetti li wettqet f'ħajjitha huma sinjali dwar kemm kienet determinata fil-ħsieb tagħha. Anke quddiem id-diffikultajiet il-kbar, il-Madre qatt ma tilfet il-kuragg.Fl-istess ħin irrid nistqarr li l-Madre kienert konxja mid-dgħufija tagħha, u għalhekk kienet tgħasses bla waqfien biex tkun tista' tirbaħ lilha nfisha.Spiss kienet tħaġġiġna biex ikollna din l-attenzjoni għax anke jekk ikun irnexxielna nirbħu xi difett, malajr nistgħu nerġgħu naqgħu fih... Il-Madre kienet kapaċi tissaporti l-kuntrarju bil-qawwa kollha".*

Fl-ittri tagħha, ħafna drabi niltaqgħu ma' kliem ta' kuraġġ biex tqawwi qalb is-sorijiet tagħha. Hekk, b'eżempju, fl-1895, kitbet lil waħda mis-Sorijiet u għamlitilha l-kuraġġ biex tkun ġeneruża fl-għixien tal-vokazzjoni tagħha: *"Kuraġġ, mela, u kun qawwija, dejjem ferħana magħquda miegħU, għannqu u tgħaxxaq biH, ladarba hu tant twajjeb u ta' min iħobbu"*(L.139). L-awguri tagħha lil waħda mill-Komunitajiet qrib il-Milied ta' l-1917, kienu jinkludu fihom dan li ġej: *"Ma nixtieqx u ma nistax nawguralkom aktar ħlief: imħabba safja, imħabba ġeneruża w imħabba qawwija"* (L.64). Fl-1922, kitbet lil Sr. Paċifika li f'dawk iż-żmenijiet kienet għaddejja minn mumenti diffiċli: *"minflok  ma tibki u taqta' qalbek... bil-qawwa kollha fittex li tagħmel kull ma tista' biex tirranġa kollox malajr kemm jista' jkun"* (L.80). Fl-ittri tagħha, spiss niltaqgħu ma' l-espressjoni *"kuraġġ qawwi, qawwi',* kif, fost l-oħrajn naqraw f'ittra ta' l-1945 lil Sr. Dionisja: *"Kuraġġ qawwi, qawwi. Il-Mulej hu magħna: dejjem uriena l-ħarsien patern tiegħu. Għalhekk, nipperseveraw fil- fedeltà u żgur naslu fil-patrija vera tagħna"*(L.118). F'din l-aħħar ittra, il-Madre turina mnejn tiġi dil-qawwa – *"il-Mulej hu magħna dejjem"* – u fejn twassalna – *"fil-patrija vera tagħna".*

Nagħlaq dwar din il-virtù kardinali tal-Qawwa f'Madre Margerita, b'silta qasira mix-xhieda li tat Sr. Guglielmina Żerafa minn Ħaż Żabbar li meta mietet il-Fundatriċi kellha 37 sena. Isimgħu: *"Il-Madre kienet mara ta' prinċipju u ċara fl-idejat tagħha. Kienet taf fejn kellha tasal, għax dejjem kienet determinata fid-deċiżjonijiet li tieħu, akkost ta' kull sagrifiċċju. Qatt ma lmaħt fiha sinjali ta' dgħufija jew ta' nuqqas ta' ċertezza".*

**Madre Margerita u r-Rażan**

F'din il-meditazzjoni tagħna dwar il-virtujiet kardinali f'Madre Margerita, bdejna bil-pedament ta' l-Għaqal jew tal-Prudenza: komplejna bil-għan fundamentali ta' kollox, il-Ġustizzja li tħares

dejjem u f'kollox lejn Alla: imxejna bla biża bl-għajnuna tal-Qawwa, il-Fortezza. Issa naslu biex nikkonkludu bil-ħtiega tar-Rażan, it-Temperanza.

Il-Venerabbli Margerita, f'ittra tagħha ta' l-1924 lill-Komunità ta' Troina, kitbet b'mod ċar dwar il-ħtieġa tar-rażan. Innutaw il-ħsibijiet tal-Fundatriċi dwar din il-virtù kardinali: *"Jeħtieġ li nikkumbattu bla waqfien kontra n-natura mħassra tagħna; jeħtieġ nissagrifikaw ruħna dejjem, immutu dejjem għas-sodisfazzjonijiet tagħna... għat-tendenzi ħżiena tagħna. Ma nistgħu qatt inċedu għar-ragunamenti umani lanqas għal dak li jippretendi ġisimna... Nerfgħu dejjem qlubna 'l fuq, 'l fuq ħsibijietna u qatt f'dawn l-affarijiet umiljanti... Sakemm nistgħu, bil-għajnuna tal-grazzja divina, inżommu dejjem ħarsitna 'l fuq, 'l fuq".*(L.71).

Madre Margerita kienet aktar minn ċerta li t-tiftix ta' Alla, jiġifieri l-għerf veru, aktar minn f'sempliċi sforz intellettwali, jinsab f'konverżjoni bla waqfien tal-qalb, fi stil konkret ta' ħajja ta' penitenza, f'għotja dejjem sejra 'l Alla, għotja mġedda u aktar safja, mewt sinċiera għal Kristu, li twassalna biex nixxenqu bla waqfien li ngħarfu biss lil Kristu u 'l Kristu msallab, f'li tintemm għal Kristu f'għotja sħiħa lilu, li hi l-bidu ta' ħajja vera. Ikollok tasal biex tgħid li dan hu l-veru għaqal, din hi l-ġustizzja tassew, hawn twassal il-qawwa tar-rieda qaddisa. Ir-rażan hu l-inkurunament tal-virtujiet kardinali. Jekk il-persuna ma tasalx biex trażżan lilha nfisha ma tkunx miexja fit-triq tas-salvazzjoni: ma tkunx turi għaqal veru, ma tkunx tindirizza ruħha lejn il-ġustizzja, ma tkunx tħaddem il-qawwa vera.

Sr. Martina Vella mir-Rabat, Għawdex, li meta mietet il-Fundatriċi kellha 47 sena, xehdet hekk dwar l-ispirtu ta' rażan ta' Madre Margerita: *"Kienet mara ta' penitenza. Nikkonferma li darba rajta tilbes id-dixxiplina. Kienet iebsa ħafna magħha stess, kemm fl-osservanza tar-Regola kif ukoll fis-sawm obligatorju; għall-kuntrarju, magħna ma kenitx iebsa. Lili ddispensatni mill-obbligu tas-sawm tar-Regola, għax ma kontx inħossni sewwa. U filwaqt li ddispensatni għamlitli kuraġġ biex inkompli 'l quddiem... Meta kien meħtieġ li tagħmel xi korrezzjoni kienet tagħmilha bi spirtu matern u bi prudenza kbira biex tevita tbatijiet".*

Fix-xhieda ta' Sr. Agatina Curmi mwielda Tunis u meta mietet il-Fundatriċi kellha 43 sena, naqraw: *"Kienet iebsa ħafna magħha stess, imma kienet dejjem attenta biex qatt ma jonqosna xejn minkejja li bħala komunità konna foqra. Meta xi ħadd minna kien jimrad mall-ewwel kienet iġġib il-mediċina u dak kollu li konna neħtieġu u kienet tavża lil dik li ssajjar biex tlesti ikel speċjali għall-marida. Fl-ikel tagħha kienet mill-inqas. Kienet tippreferi dak sempliċi mingħajr laħam. Konna nifhmu li tagħmel dan fi spirtu ta' penitenza. Meta kienet tmur il-Casa Madre kienet tieħu magħha l-loqom li s-sorijiet ikunu ġabru mill-mejda tas-seminaristi. Kienet hi biss li kienet tiekol minn dan il-ħobż u qatt ma kienet tissuġġerilna din il-kwalità ta' penitenza".*

Imma, fuq kollox, il-Madre qatt ma kienet tieqaf tirrikkmanda lil kulħadd, l-aktar lis-sorijiet tagħha, it-trażżin tal-"JIEN", jew aħjar ta' l-amor proprju, li hu l-għajn ta' kull ħażen. Fix-xhieda abbundanti ta' Sr. Pacifica, kif imwassla mill-bijografu ta' Madre Margerita, Padre Paolo Calliari, naqraw: *"meta l-Madre kienet tagħmel l-istruzzjonijiet lis-sorijiet u lin-novizzi, bi spirtu qawwi kienet titkellem dwar il-mibgħeda li għandu jkollna għall-amor proprju. Kienet issemmi l-ħsara li jagħmel lill-erwieħ, l-aktar lir-Reliġjużi; kienet tgħid li dan it-tirann għandu sebat irjus u ma jmut qatt, jakkumpanjana matul ħajjitna kollha u anke wara mewtna jibqa' jaħdem għal xi jiem: hu għadu ta' l-imħabba ta' Alla u kienet tgħidilna biex inżommuh taħt riġlejna biex qatt ma nikkuntentawh".*

Fl-ittri tagħha, spiss kienet tinsisti dwar it-trażżin tal-amor proprju. Hekk, per eżempju, f'ittra ta' l-1920 lil waħda mis-sorijiet, kitbet: *"Inħobbu l-Imħabba jfisser: inbatu għall-Imħabba. Jiġifieri inkunu dejjem hienja u pronti fl-okkażjonijiet li nimmortifikaw l-amor proprju tagħna biex noffru lill-Imħabba ħatab xieraq li jkun ikkonsmat b'sagrifiċċju"*(L.141). F'ittra oħra ta' l-1931 lil soru tal-kongregazzjoni tagħha, issuġġeriet: *"Ejjew nagħmlu gara dwar min minna hi l-aktar umli, l-aktar pronta u doċli għaċ-ċahda tal-jien proprju, għadu kapitali ta' rwieħna"* (L.147). F'ittra tal-1924 lil waħda mill-komunitajiet, kitbet: *"Nirrikkmandalkom iċ-ċahda tassew sabieħa u dejjem sejra ta' kull rieda proprja; u, fl-aħħar, imħabba kbira għas-slaleb, għall-umiljazzjonijiet li bihom tistgħu taslu fejn diġà waslu l-aħwa qaddisin tagħna"*(L.69).

**<u>Għeluq</u>**

Niġu għall-konklużjoni dwar kif il-Venerabbli Margerita għexet tassew il-virtujiet kardinali, pedament sod tal-ħajja nisranija. Il-għaqal tagħha ndirizzaha bla waqfien lejn il-ġustizzja ma' Alla u ma' ħutha l-bnedmin. Minn hawn għexet għal kollox il-qawwa u r-rażan, għax bla biża ħaditha kontra dak kollu li seta' jfixkilha f'dan l-istil ta' ħajja.

Għalhekk, aħna u niċċelebraw b'ferħ u b'radd il-ħajr dan it-68 Anniversarju ta' mewtha, u nistennew b'ħerqa miraklu mis-sema li jista' jwassal għall-Beatifikazzjoni tagħha, ejjew nirrendu lilna nfusna wlied denji ta' omm tassew qaddisa, billi bħalha ngħixu dak li jibni l-ħajja spiritwali fis-sod: il-għaqal, il-ġustizzja, il-qawwa u r-rażan, virtujiet kardinali li jiftħu beraħ il-bieb li jwassal lejn il-ferħ etern fis-sema pajjiżna, kif għamel għall-għażiża Fundatriċi tagħna fit-22 ta' Jannar 1952. Ammen.

*Dun Ġużepp Gauci*

*22 ta' Jannar 2020*

*************************

# TALBA TAL-FIDILI

Il-Mulej Alla tagħna jridna nuruh x'inhuma l-ħtiġijiet tagħna mhux għax ma jafhomx, imma għax iridna nuruh li aħna konxji mill-ħtieġa tagħhom. Għalhekk, ejjew issa nuruh dawn ix-xewqat tagħna u fl-istess ħin ejjew nafdaw fl-imħabba u l-ħniena tiegħu li mhux se jħallina nieqsa minn dak li neħtieġu biex ngħixu kif jogħġob lilu u kif nebbaħna permezz tal-Fundatriċi, il-Venerabbli Qaddejja tiegħu, Margerita, dwar il-ħtieġa tal-virtujiet kardinali.

Għalhekk, ejjew ngħidu flimkien: **Mulej, kattar fina l-virtujiet insara.**

1. Mulej Alla, Int l-istess imħabba: kif għamilt mal-Venerabbli Margerita, kompli mexxi l-Knisja tiegħek fit-triq tal-imħabba, għax dik hi t-triq waħdanija li twassalna biex insaltnu miegħek fil-ferħ ta' mħabbtek, **nitolbu,**
   **Mulej, kattar fina l-virtujiet insara.**

2. Mulej Alla, Int tmexxi kollox għall-ġid tagħna, meta jogħoġbok ibgħatilna sinjal mis-sema għall-Beatifikazzjoni tal-Venerabbli Margerita tal-Qalb ta' Ġesù: biex kulħadd ikun jista' jara fiha mudell ta' ħajja mibnija fuq il-virtujiet kardinali, **nitolbu,**
   **Mulej, kattar fina l-virtujiet insara.**

3. Mulej Alla, Int tgħallimna permezz tal-Knisja tiegħek: kompli dawwalna kif ngħixu għaqal veru, billi nuru ġustizzja miegħek u ma' ħutna kollha, u bil-qawwa tas-sema nrażżnu dejjem dak li hu ħażin fina, **nitolbu,**
   **Mulej, kattar fina l-virtujiet insara.**

4. Mulej Alla, Int trid li l-insara kollha jsawwru fihom u f'ħajjithom kopja vera tal-Vanġelu ta' Kristu Ibnek: għinhom jgħixu din il-vokazzjoni tagħhom kif għamlet il-Venerabbli Qaddejja tiegħek Margerita, **nitolbu,**
   **Mulej, kattar fina l-virtujiet insara.**

5. Mulej Alla, Int tnissel fi qlub dawk li jgħixu magħqudin miegħek il-ferħ veru li ma jistax jiġi nieqes: kompli saħħaħ fina lkoll l-għaqda miegħek

biex mill-ferħ veru f'din id-dinja naslu għall-ferħ ta' dejjem fis-sema fejn nitolbuk twassal ukoll lil dawk kollha li telqu qabilna minn din il-ħajja, **nitolbu,**
**Mulej, kattar fina l-virtujiet insara.**

6. Mulej Alla, Int timliena b'kull ġid: irroddulek ħajr għal dak kollu li għamilt mal-Venerabbli Margerita: irroddulek ħajr li tajthielna: nitolbuk kompli għinna biex ngħożżu dejjem aktar l-eżempji u t-tagħlim tagħha u nifirħu bl-interċessjoni tagħha fil-ħtiġijiet tagħna, **nitolbu,**
**Mulej, kattar fina l-virtujiet insara.**

Ilqa', nitolbuk Mulej, dawn ix-xewqat tagħna aħna u nfakkru b'ferħ u radd il-ħajr lill-Venerabbli Margerita tal-Qalb tiegħek, u agħmel, nitolbuk li nitgħallmu dejjem aktar mill-eżempji u t-tagħlim tagħha biex skont l-istedina ewlenija tagħha nħobbu lilek li Int l-istess Imħabba u nistinkaw aktar biex aħna wkoll insiru xhieda ta' ħajja mibnija fuq il-virtujiet insara. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

++++++++++++++++++++++++++++++++